MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 187/2015

**MOBISLE COMMUNICATIONS LIMITED**

**Vs**

**Caruana Richard Eleanor [ID. Nru. 516177M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' erba' mija wiehed u tletin euro u hdax-il centezmi ta' euro [€431.11c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija wiehed u tletin Ewro u hdax-il centezmu (€431.11) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 22 ta' Marzu 2011 (AC51036324).

> Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet sa mit-22 ta' Marzu 2011, data tal-imsemmi ftehim ghal hlasijiet ratejali".

Ra li l-timata giet debitament notifikata fis-27 ta' Marzu, 2015.

Ra li fis-seduta tal-lum dehret l-Avukat Dottor Annalisa Debono ghall-intimata li ma attendietx ghall-istess seduta.

Ra n-nota ta' ammissjoni pprezentata llum stess;

Ra li Dr. Debono ghan-nom ta' l-intimata talbet li hija tinghata zmien ghal hlas ta' l-ammont reklamat, liema talba ma gietx opposta mis-socjeta rikorrenti.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' erba' mija wiehed u tletin euro u hdax-il centezmi ta' euro [€431.11c] bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 22 ta' Marzu 2011 (AC51036324).

Ikkunsidra;

2. L-intimata resqet nota ta' ammissjoni llum stess.

3. L-Avukat Dottor Annalisa Debono ghan-nom ta' l-intimata talbet li hija tinghata zmien ghal hlas ta' l-ammont reklamat, liema talba ma gietx opposta mis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista tal-ammissjoni tal-intimata, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija wiehed u tletin euro u hdax-il centezmi ta' euro [€431.11c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-22 ta' Marzu, 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tat-talba maghmula mill-intimata u in vista tal-fatt li s-socjeta rikorrenti ma opponietx ghal istess, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq

dikjarat bhala dovut, flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimata fl-ammont ta’ hamsin euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta’ Gunju, 2015 u sussegwentement fl-ewwel jum ta’ kull xahar. F’kaz li l-intimata tonqos milli thallas pagament wiehed, allura l-ammont bilanċjali kollu li jkun ghadu dovut jiġi dovut immedjatament u konsegwentement hija titlef il-beneficcju tat-terminu lilha konċess.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------